



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 178/22

Il-Lussemburgu, 8 ta' Novembru 2022

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-885/19 P | Fiat Chrysler Finance Europe vs Il-Kummissjoni u C-898/19 P | L-Irlanda vs Il-Kummissjoni

“Tax rulings”: Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkonfermat il-qafas ta’ referenza użat mill-Kummissjoni sabiex tapplika l-prinċipju ta’ distakkament għall-kumpanniji integrati fil-Lussemburgu mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni r-regoli speċifiċi li jimplementaw dan il-prinċipju f’dan l-Istat Membru

Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża tal-Kummissjoni, filwaqt li tikkonstata li l-analiżi tagħha tas-sistema ta’ referenza u, b’estensjoni, tal-eżistenza ta’ vantaġġ selettiv mogħti lil FFT hija żbaljata

Fit-3 ta’ Settembru 2012, l-awtoritajiet tat-taxxa Lussemburgiżi adottaw deċiżjoni tat-taxxa bil-quddiem (tax ruling) favur Fiat Chrysler Finance Europe (iktar ‘il quddiem “FFT”), impriża tal-grupp Fiat li kienet tipprovdi servizzi ta’ teżorerija u ta’ finanzjament lill-kumpanniji tal-grupp stabbiliti fl-Ewropa. Id-deċiżjoni inkwistjoni kienet approvat metodu ta’ determinazzjoni tar-remunerazzjoni ta’ FFT għal dawn is-servizzi, li kien jippermetti lil din tal-aħħar tiddetermina kull sena il-profit taxxabli tagħha għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kumpanniji fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Permezz ta’ deċiżjoni tal-21 ta’ Ottubru 2015, il-Kummissjoni kkunsidrat li din id-deċiżjoni bil-quddiem kienet tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE. Barra minn hekk, hija kkonstatat li l-Lussemburgu kien naqas milli jinnotifikalha l-abbozz ta’ deċiżjoni bil-quddiem inkwistjoni u ma kienx osserva l-obbligu ta’ sospensjoni, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 108(3) TFUE. Il-Kummissjoni ordnat lill-Lussemburgu jirkupra mingħand FFT l-għajjnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Kemm il-Lussemburgu u kemm FFT ippreżentaw rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Permezz tas-sentenza tagħha tal-24 ta’ Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi ppreżentati mill-Lussemburgu u minn FFT intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, filwaqt li kkonfermat il-validità tal-imsemmija deċiżjoni¹. Permezz tal-appelli rispettivi tagħhom, FFT (C-885/19 P) u l-Irlanda (C-898/19 P) talbu l-annullament ta’ din is-sentenza.

Permezz tas-sentenza tal-lum tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fl-24 ta’ Settembru 2019 fil-kawża Il-Lussemburgu u Fiat Chrysler Finance Europe vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda T-755/15 u T-759/15) kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta’ Ottubru 2015 dwar l-għajjnuna mill-Istat implimentata mil-Lussemburgu favur FFT.

¹ Ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru 118/19.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-interventi tal-Istati Membri fl-oqsma li ma kinux is-suġġett ta' armonizzazzjoni fid-dritt tal-Unjoni ma humiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat. Hija tkompli billi tfakkar li l-klassifikazzjoni ta' miżura nazzjonali bħala "għajjnuna mill-Istat" tirrikjedi li jkunu ssodisfatti **erba' kundizzjonijiet**. L-ewwel, għandu jkun hemm intervent tal-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat. It-tieni, dan l-intervent għandu jkun ta' natura li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. It-tielet, dan l-intervent għandu jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu. Ir-raba', huwa għandu jikkostitwixxi distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Fil-kuntest tal-analiżi tal-miżuri fiskali mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat, l-eżami tal-kundizzjoni marbuta mal-**vantaġġ selettiv** timplika, fl-ewwel lok, id-determinazzjoni tas-sistema ta' referenza, jiġifieri s-sistema fiskali "normali" applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat, u, fit-tieni lok, il-prova li l-miżura fiskali inkwistjoni tidderoga minn din is-sistema ta' referenza, sa fejn tintroduċi differenzjazzjonijiet bejn operatori li, fid-dawl tal-għan imfittex minn din is-sistema ta' referenza, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli, mingħajr madankollu ma jkun hemm ġustifikazzjoni għal dawn id-differenzjazzjonijiet fid-dawl tan-natura jew tal-istruttura tas-sistema inkwistjoni. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura selettiva ta' miżura fiskali, huwa għalhekk meħtieġ li s-**sistema fiskali ordinarja jew is-sistema ta' referenza applikabbli** fl-Istat Membru kkonċernat tkun **identifikata b'mod korrett fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni** u tkun eżaminata mill-qorti adita b'kontestazzjoni dwar din l-identifikazzjoni.

F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li, sa fejn, foqasma li ma humiex oqsma li fihom id-dritt fiskali tal-Unjoni huwa s-suġġett ta' armonizzazzjoni, huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu jiddetermina, permezz tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u b'osservanza tal-awtonomija fiskali tiegħu, il-karatteristiċi li jikkostitwixxu t-taxxa, **huwa biss id-dritt nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat** li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi identifikata s-sistema ta' referenza fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, identifikazzjoni din li hija, min-naħa tagħha, prerekwiżit indispensabbli mhux biss sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' vantaġġ iżda wkoll sabiex tiġi evalwata l-kwistjoni ta' jekk dan il-vantaġġ għandux natura selettiva.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali wettqet **żball ta' liġi** fl-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE meta naqset milli tiegħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżit li jirriżulta mill-ġurisprudenza, fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura fiskali tatx vantaġġ selettiv lil impriża, il-Kummissjoni għandha twettaq paragun mas-sistema ta' tassazzjoni normalment applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat, wara eżami oġġettiv tal-kontenut, tal-interazzjoni u tal-effetti konkreti tar-regoli applikabbli skont id-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta approvat l-approċċ li kien jikkonsisti fl-applikazzjoni ta' prinċipju ta' distakkament distint minn dak iddefinit fid-dritt Lussemburgiż filwaqt li sempliċement identifikat, fl-għan imfittex mis-sistema ġenerali tat-taxxa fuq il-kumpanniji fil-Lussemburgu, l-espressjoni astratta ta' dan il-prinċipju u eżaminat id-deċiżjoni bil-quddiem inkwistjoni mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-mod kif l-imsemmi prinċipju huwa konkretament inkorporat f'dan id-dritt fir-rigward b'mod partikolari tal-kumpanniji integrati.

Barra minn hekk, meta aċċettat li l-Kummissjoni tista' tinwoka regoli li **ma kinux jagħmlu parti mid-dritt Lussemburgiż**, minkejja li fakkret li din l-istituzzjoni ma kellhiex, f'dan l-istadju tal-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni, il-kompetenza li tippermettilha tiddefinixxi b'mod awtonomu t-tassazzjoni msejja "normali" ta' kumpannija integrata filwaqt li tinjora r-regoli fiskali nazzjonali, il-Qorti Ġenerali **kisret id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar l-adozzjoni mill-Unjoni Ewropea ta' miżuri ta' approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta**.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li r-raġunijiet tas-sentenza appellata li jirrigwardaw l-eżami tar-raġunament adottat b'mod prinċipali mill-Kummissjoni, fis-sens li d-deċiżjoni bil-quddiem inkwistjoni kienet tidderoga mis-sistema ġenerali tat-taxxa fuq il-kumpanniji tal-Lussemburgu, huma vvizzjati bi **żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali vvalidat l-approċċ tal-Kummissjoni**. B'mod iktar preċiż, dan l-iżball kien, essenzjalment, li ma tiġux inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' distakkament kif previst fl-Artikolu 164(3) tal-Kodiċi tat-Taxxa Lussemburgiż u kif speċifikat fiċ-Ċirkulari Nru 164/2 relatata miegħu, meta ddefinixxiet is-sistema ta' referenza fil-kuntest tal-eżami mwettaq taħt l-

Artikolu 107(1) TFUE, għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk id-deċiżjoni bil-quddiem inkwistjoni tagħtix vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tagħha.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata, tqis li l-kawża tinsab fi stat li tiġi deċiża u, filwaqt li taqta' l-kawża, tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn l-iżball imwettaq mill-Kummissjoni fid-determinazzjoni tar-regoli effettivament applikabbli skont id-dritt nazzjonali rilevanti u, għaldaqstant, fl-identifikazzjoni tat-taxxa msejja "normali" li fir-rigward tagħha kellha tiġi evalwata d-deċiżjoni bil-quddiem inkwistjoni jivvizzja r-raġunament kollu marbut mal-eżistenza ta' vantaġġ selettiv. L-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża ma setax jiġi evitat minħabba l-fatt li l-Kummissjoni kienet inkludiet ukoll f'din id-deċiżjoni, b'mod sussidjarju, raġunament ibbażat fuq l-Artikolu 164(3) tal-Kodiċi tat-Taxxa Lussemburgiż u fuq iċ-Ċirkulari Nru 164/2 marbuta miegħu. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li dan ir-raġunament sempliċement jagħmel riferiment għall-analiżi prinċipali tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni korretta tas-sistema ta' referenza, b'tali mod li jirrimedja biss b'mod superfiċjali l-iżball tal-Kummissjoni fl-identifikazzjoni tas-sistema ta' referenza li kellha tkun il-bażi tal-analiżi tagħha dwar l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

